DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 139/2012

tat-13 ta' Lulju 2012

li temenda l-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE, dwar kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendat permezz tal-Protokoll li jaġġusta l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim taż-ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

(1) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE kien emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 122/2012 tal-15 ta' Ġunju 2012 ([1]).

(2) Sistema komprensiva ta' monitoraġġ tad-dinja hija ta' importanza ewlenija għall-ġestjoni sostenibbli tal-Ewropa tat-Tramuntana u tal-Artiku.

(3) In-Norveġja kkontribwixxiet għall-iżvilupp tal-programm Ewropew ta' Monitoraġġ tad-Dinja (GMES), kemm fis-Seba' Programm Qafas tal-Komunità Ewropea għar-riċerka, żvilupp teknoloġiku u attivitajiet ta' dimostrazzjoni (2007-2013) kif ukoll bħala membru tal-Aġenzija Spazjali Ewropea.

(4) Huwa xieraq li l-kooperazzjoni tal-Partijiet Kontraenti fil-Ftehim taż-ŻEE tiġi estiża u tinkludi r-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-Programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) ([2]).

(5) Il-Protokoll 31 tal-Ftehim ŻEE għandu għalhekk jiġi emendat sabiex din l-estensjoni ta' kooperazzjoni tkun tista' sseħħ mill-1 ta' Jannar 2012,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tal-Protokoll 31 tal-Ftehim taż-ŻEE huwa emendat kif ġej:

1. It-test fil-paragrafu 6 għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"6. L-evalwazzjoni u l-għoti ta' direzzjoni maġġuri lil attivitajiet fil-programmi qafas tal-attivitajiet tal-Unjoni fil-qasam tar-riċerka u l-iżvilupp teknoloġiku msemmija fil-paragrafi 5, 8a, 8c, 9 u 10 għandhom jiġu rregolati bil-proċedura msemmija fl-Artikolu 79(3) tal-Ftehim."

2. Il-paragrafu li ġej għandu jiddaħħal wara l-paragrafu 8b:

"8c. (a) Mill-1 ta' Jannar 2012, l-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw fl-attivitajiet li jistgħu jirriżultaw mill-Att tal-Unjoni li ġej:

— **32010 R 0911**: Ir-Regolament (UE) Nru 911/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2010 dwar il-programm Ewropew ta' monitoraġġ tad-dinja (GMES) u l-operazzjonijiet inizjali tiegħu (2011-2013) (ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1).

(b) L-Istati tal-EFTA għandhom jikkontribwixxu finanzjarjament għall-attivitajiet msemmijin taħt (a) skont l-Artikolu 82(1)(a) tal-Protokoll 32 tal-Ftehim.

(c) L-Istati tal-EFTA għandhom jipparteċipaw bis-sħiħ, mingħajr id-dritt tal-vot, fil-kumitati kollha tal-Unjoni li jgħinu lill-Kummissjoni Ewropea fil-ġestjoni, l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-attivitajiet imsemmija f'(a), jiġifieri l-Kumitat tal-GMES, il-Bord tas-Sigurtà u l-Forum tal-Utent.

(d) Dan il-paragrafu ma għandux japplika għal-Liechtenstein.

(e) Fir-rigward tal-Islanda, dan il-paragrafu għandu jiġi sospiż sakemm jiġi deċiż mod ieħor mill-Kumitat Konġunt taż-ZEE.".

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-aħħar notifika lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim (*).

Din għandha tapplika mill-1 ta' Jannar 2012.

([1]) ĠU L 270, 4.10.2012, p. 46.
([2]) ĠU L 276, 20.10.2010, p. 1.

(*) L-ebda rekwiżiti kostituzzjonali ma huma indikati.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, it-13 ta' Lulju 2012.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

Atle LEIKVOLL